**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 29 ta' April, 2021**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 1233/2012**

**Keith Catania, Rita Catania u Emanuel Catania**

**vs**

**Jean Pierre Debattista u Simona Fazioli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-11 ta' Dicembru, 2012 li jghid hekk:

Illi l-esponenti Keith Catania, permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Marzu 2011 (dokument anness u mmarkat Dok. KC1), dahal fi shab mal-konvenuti sabiex flimkien jikkostitwixxu u jiggestixxu negozju bl-isem V-Gen Rock Club;

Illi ai termini tal-ftehim surreferit l-esponenti Keith Catania flimkien mal-konvenuti intrabat illi jqieghed a disposizzjoni tan-negozju s-somma kapitali fl-ammont ta' sittax-il elf u hames mitt euro (EUR16,500);

Illi dan il-kapital gie hekk fornut permezz ta' facilita` ta' overdraft bankarju ottenut mill-Bank of Valletta permezz ta' ftehim korrispondenti (dokumenti hawn anness u mmarkat bhala Dok. KC2);

Illi sabiex giet ottenuta din il-facilita ta' overdraft, l-esponenti Rita u Emanuel konjugi Catania, il-genituri ta' l-esponenti l-iehor Keith Catania, ikkostitwew ruhhom garanti favur il-bank hawn fuq indikat fl-ammont ta' ghaxart elef u hames mitt ewro (EUR10,500);

Illi ghall-habta ta' Settembru 2011 inqala disgwid bejn l-imsemmija shab fil-kummerc u b'konsegwenza l-esponenti Keith Catania, bi ftehim mal-konvenuti irtira mill-ftehim

surreferit b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2011, dana b'riserva illi huwa jigi ikkompensat ghal sehmu mill-imsemmi negozju, kif ukoll l-esponenti Rita u Emanuel konjugi Catania jigu liberate mill-garanzija minnhom moghtija favur il-bank surreferit;

Illi l-esponenti Keith Catania fattwalment waqaf milli jippartecipa fin-negozju b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2011 u minn dik il-gurnata l-quddiem la ippartecipa fil-gestjoni tan-negozju, la baqa' jaccedi ghal-fond li fih kien qieghed jigi gestit l-imsemmi negozju, u la baqa jircievi dhul mill-istess negozju jew altrimenti jibbenefika mill-gestjoni tieghu;

Illi minkejja diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim fir-rigward tal-pendenti kollha bejn il-partijiet, partikolarment rigward rimbors favur Keith Catania ghal sehmu minn negozju, u ghall-liberazzjoni ta' Rita u Emanuel konjugi Catania mill-garanzija minnhom oghtija dan il-ftehim baqa ma ntlahaqx;

Illi l-esponenti ghandhom kull interess illi jissalvagwardjaw l-interessi u d-drittijiet taghhom, dwar liema l-intimati baqghu inadempjenti, nonostante kull sforz da parti tal-esponenti ghall-soluzzjoni extra-gudizzjali;

Jghidu ghalhekk il-konventu ghar-ragunijiet kollha hawn premessi, il-ghala ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-esponenti Keith Catania ma baqax sieheb fin-negozju bl-isem V-Gen Rock Club flimkien mal-konvenuti b'effett mill-31 ta' Ottubru 2011;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil Keith Catania sehmu minn negozju bl-isem V-Gen Rock Club, u dana, okkorrendo, wara li tkun illikiwdat l-ammont li kien hekk dovut lilu sal-31 ta' Ottubru, 2011;

3. Tordna lill-konvenuti, sabiex f'qasir zmien u perentorju, jilliberaw lill-esponenti Rita u Emanuel konjugi Catania mill-garanzija minnhom moghtija lill-Bank of Valletta fl-ammont ta' ghaxart elef u hames mitt euro (EUR10,500);

4. F'kaz li dan ma jkunx possibli, tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-esponenti Rita u Emanuel konjugi Catania s-somma ta' ghaxart elef u hames mitt euro (EUR10,500).

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-intimati u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni lilhom spettanti skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, l-intimat Jean Pierre Debattisita mhux legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi minkejja li huwa minnu li l-istess Debattista kien partecipi fil-gestjoni tan-negozju f'isem V-Gen Rock Club, huwa qatt ma kellu overdraft facility mahrug f'ismu, kif jirrizulta mid-dokument Dok. KC2 pprezentat mir-rikorrent Keith Caruana flimkien mar-rikors promotur tieghu u kwindi t-tielet u r-raba' talba ma jistawx japplikaw fil-konfront tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-garanzija inghatat mill-atturi Rita u Emanuel konjugi Catania, bil-ghan li jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-facilita tal-overdraft dovuta u mahruga minn Keith Catania u Simona Fazioli. Illi sal-31 ta' Ottubru 2011 id-dejn tal-partnership kien jammonta ghal EUR31,305, kif jirrizulta mid-dokumenti Dok. SF1 [statement redatt mill-Accountant Michael Spiteri Bailey], u cioe ta' EUR10,435, dovut minn kull partner, ai termini tal-Art. 7 tal-iskrittura ffirmata bejn il-konvenuti u Keith Caruana presentata fir-rikors promotur tieghu bhala Dok. KC1. Illi Keith Catania qatt ma hallas is-sehem minnu dovut u ghaldaqstant l-ammont li Rita u Emanuel konjugi Catania qed jiggarantixxu, jkopri dak dovut minn Keith Catania stess.

3. Illi l-mittent Keith Catania jaf tajjeb illi s-somma ta' EUR16,500 investita mill-partijiet gew investiti fi stokk, refurbishing expenses fil-fond mikri lilhom, fost affarijiet ohra u kwindi gew utilizzati u assorbiti tul il-kors tal-gestjoni tan-negozju illi kif intqal, sal-31 ta' Ottubru 2011 spicca b'bilanc ta' EUR31,305 minn taht. Ghalhekk, xejn mhux dovut lil Keith Catania bhala sehmu minn negozju.

4. Illi Keith Catania huwa wkoll obbligat u ghandu interess illi jillibera lil Rita u Emanuel konjugi Catania mill-garanzija minnhom moghtija billi semplicement jiddeposita dak minnu dovut bhala s-sehem tad-dejn tal-partnership sal-31 ta' Ottubru 2011.

5. Illi kemm Simona Fazioli u wisq aktar Jean Pierre Debattista ma ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi Rita u Emanuel konjugi Catania s-somma ta' EUR10,500 ghax dan jaghti lok ghall-arrikkiment indebitu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti, ir-rapporti peritali u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tirreferi ghall-kronologija tal-fatti kif deskritti mill-perit legali u tirrepreti l-partijiet saljenti.

Fl-2010, l-attur Keith Catania, u l-konvenuti Jean Pierre Debattista u Simona Fazioli kienu ddeciedew illi jifthu rock-bar li jipprovdi muzika live kull weekend. Ghal dan il-ghan kienu ffirmaw kuntratt ta' shubija fl-1 ta' Marzu, 2011, permezz ta' liema holqu partnership bl-isem ta' 'V-Gen Rock Club' sabiex topera 'V-Gen Rock Club' f'Ball Street, Paceville. Permezz ta' dan il-ftehim, Keith Catania u l-konvenuti kienu qablu illi l-ispejjez relatati mal-'V-Gen Rock Club' kellhom jinqasmu ugwalment bejn is-socji kollha b'effett mid-data ta' l-imsemmija skrittura u illi l-profitt nett ta' l-istess socjeta

kellhom ukoll jinqasmu ugwalment bejn is-socji. Iddikjaraw ukoll f'dan il-ftehim illi bejniethom hargu kapital fl-ammont ta' €16,500.

F'Mejju, 2011 Keith Catania u Simona Fazioli kienu kisbu f'isimhom personali facilità bankarja, ossia overdraft fl-ammont ta' €16,500, "for working capital requirements in connection with the running of 'Voice of a Generation Rock Club' in Ball Street, Paceville" u Business Loan fl-ammont ta' €5,000 "to pay off licenses and PA System with regards to "Voice of a Generation Rock Club", minghand il-Bank of Valletta plc (BOV). Il-kreditu tal-bank kien gie garantit permezz ta' pledge datata 26 ta' Marzu, 2011 fl-ammont ta' €10,500 moghtija mill-atturi Rita u Emanuel konjugi Catania (genituri ta' Keith Catania), u permezz ta' pledge ohra datata 26 ta' Marzu, 2011 fl-ammont ta' €6,000 moghtija mill-konvenuti Jean Pierre Debattista u Simona Fazioli.

Jidher illi fis-sena 2010, Keith Catania u l-konvenuti kienu inizjalment sabu fond ghan-negozju taghhom fis-Saqqajja u kienu dahlu fi ftehim ta' kera mas-sid, Dr. Simon Galea Testaferrata. Illi pero l-permessi ghas-sound amplification ma kinux hargu u ghalhekk kellhom jirrinunzjaw ghal din il-kirja, b'telf ta' €3,616, li kienu thallsu minn Jean Pierre Debattista.

Sussegwentement, fi Frar, 2011, kien instab fond alternattiv f'Ball Street, Paceville, b'kera mensili ta' circa €4,000, u ghal terminu ta' sentejn. Illi pero, kien gie miftiehem ma' sid il-kera illi ma jkun dovut l-ebda hlas ta' kera ghall-ewwel sitt xhur, peress illi l-fond kellu bzonn refurbishment sostanzjali.

Is-socji hadu rwoli differenti fil-gestjoni ta' dan in-negozju skont l-esperjenza rispettiva taghhom. Keith Catania ha hsieb l-organizzazzjoni tal-bar, stock purchasing u l-iffissar tal-prezzijiet tax-xorb, Jean Pierre Debattista ha hsieb il-promotion, marketing, booking ta' events, amministrazzjoni, accounts u xoghol simili tal-attività, u Simona Fazioli kienet tassisti kemm lil Keith Catania kif ukoll lil Jean Pierre Debattista f'xogholhom, u tiehu hsieb tal-promotional design u t-tindif u hasil tal-fond.

Jidher illi ghalkemm in-negozju kellu klijentela tajba, l-istess kellu diffikultajiet finanzjarji sostanzjali, tant illi hekk kif wasal iz-zmien sabiex tibda' tithallas il-kera skont il-ftehim lokatizzju, ma kienx hemm bizzejjed cash flow sabiex ikun jista' jithallas l-ammont dovut, u ghalhekk is-socji kellhom jaqblu li ma jithallsux il-paga taghhom sabiex ikunu jistu' jhallsu tali kera. Nel frattemp, ir-relazzjoni ta' bejn Keith Catania u l-konvenuti iddeterjorat, tant illi kienet saret laqgha ma' l-avukati rispettivi taghhom fejn kien gie maqbul illi Keith Catania ma kellux jibqa' jifforma parti mis-socjeta b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2011. Illi pero, l-ebda ftehim ma ntlahaq rigward il-hlas tad-djun li kien hemm pendenti, u rigward il-qsim ta' kwalunwke profitt nett rimanenti. Peress illi d-dejn dovut lil bank baqa' ma thallasx, fil-mori ta' din il-kawza, il-garanziji li kienu gew moghtija gew likwidati mill-bank.

**L-eccezzjoni preliminari**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament illi Jean Pierre Debattista mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba ta' l-atturi u dan peress illi mhuwiex firmatarju tal-overdraft facility.

F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza imsemmija mill-perit legali in re **Refalo noe vs Azzopardi et** fejn saret distinizzjoni bejn il-kwistjoni tar-responsabbilita tal-parti u l-kwistjoni tal-legittimu kontradditur, u f'dan is-sens gie rrilevat illi,

> biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi filmertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu

> kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata. (Ara wkoll d-decizjoni *in re* **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et**, App 05/10/2011).

Ghalhekk sabiex jigi ddeterminat jekk Jean Pierre Debattista huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba ta' l-atturi, dak li jrid jigi determinat huwa jekk, fuq bazi purament prima facie, l-istess Jean Pierre Debattista kienx materjalment parti minn negozju li minnha twieldet l-azzjoni odjerna.

Skont l-atturi, in-negozju li minnu tnisslet ir-relazzjoni guridika ta' bejn il-kontendenti kienet is-socjeta 'V-Gen'. Mill-kuntratt tal-garanzija stess, huwa car illi din il-garanzija inghatat ghal beneficcju tas-socjeta 'V-Gen', u Jean Pierre Debattista kien wiehed mit-tlett socji ta' din is-socjeta, u kien hu stess, flimkien ma' Keith Catania, li hareg bl-idea li tigi fformata din is-socjeta.

Ghalhekk fuq bazi prima facie Jean Pierre debattista hu kontratittur legittimu ghat-tielet u r-raba' talbiet attrici ghax kien materjalment parti minn negozju li wassal biex tinghata l-garanzija. Ir-responsabilta tieghu hi pero kwistjoni differenti.

**L-ewwel talba tar-rikorrenti**

Permezz tal-ewwel talba taghhom, l-atturi talbu dikjarazzjoni illi l-attur Keith Catania ma baqax sieheb fin-negozju bl-isem ta' 'V-Gen Rock Club' flimkien mal-konvenuti u dan b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2011.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward ta' din it-talba. Fil-fatt, iz-zewg konvenuti stess jixhdu fl-affidavit taghhom illi fil-laqgha li kienet saret fil-prezenza tal-avukati rispettivi taghhom f'Settembru, 2011 kien gie miftiehem illi Keith Catania ma jibqax iktar parti mis-socjeta b'effett mill-1 ta' Novembru, 2011. Ghalhekk ma hemmx lok li din il-kwistjoni tigi indagata ulterjorment.

**It-tieni talba tar-rikorrenti**

Permezz tat-tieni talba taghhom, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni u/jew ordni illi l-konvenuti jhallsu lill-attur Keith Catania sehmu minn negozju 'V-Gen Rock Club' li kien lilu dovut sal-31 ta' Ottubru, 2011.

Il-konvenuti eccepew illi Keith Catania jaf illi s-somma ta' €16,500 investita mill-partijiet giet utilizzata u assorbita tul il-kors tal-gestjoni ta' 'V-Gen Rock Club', li sal-31 ta' Ottubru, 2011 kellu zbilanc ta' €31,305, u ghalhekk, fl-ahhar tal-gurnata, m'hemm xejn dovut lil Keith Catania.

L-atturi jargumentaw illi s-socju ghandu kull dritt t'azzjoni kontra s-socjeta ghar-radd tas-somom minnu mahruga, bl-imghaxijiet. L-atturi ma qablux mal-komputazzjoni tal-konvenuti skont liema n-negozju ta' bejn Keith Catania u l-konvenuti spicca b'dejn ta' circa €31,305, u jissottomettu minflok illi fil-verità n-negozju spicca b'bilanc pozittiv ta' €2,306. L-atturi jargumentaw illi huwa inverosimili illi n-negozju kellu d-dejn kollu li jghidu li kellu l-konvenuti, meta Simona Fazioli stess tghid fl-affidavit taghha illi l-konvenuti kienu offrew lil Keith Catania s-somma ta' €5,000 bhala pagament ex gratia meta kien iddecieda li jitlaq min-negozju. Huma jargumentaw ukoll li l-likwidazzjoni a favur Keith Catania trid issir skont il-proporzjon li qieghed fil-fond tas-socjeta, u cioe 64% liema percentwali l-atturi waslu ghaliha bis-segwenti kalkolu: €10,500 x 100% / €16,500 = 64%.

Min-naha taghhom il-konvenuti argumentaw illi s-sottomissjoni illi Keith Catania huwa intitolat ghal kwota ta' 64% ibbazat fuq l-ammont minnu versat mhijiex korretta in kwantu skont il-klawsoli numru 6 u 7 tal-ftehim tas-socjeta, il-partijiet kienu qablu illi l-profitt nett tas-socjeta ghandhom jinqasmu bejn is-socji fi kwoti ugwali u indaqs, u li l-ispejjez relatati mas-socjeta ghandhom ukoll jinqasmu fi kwoti ugwali u indaqs.

Il-Qorti tqis li l-artikolu 1644 tal-Kodici Civili jipprovdi illi, "is-socjeta hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew izjed jiftiehmu li jqieghdu xi haga in komun, sabiex jaqsmu l-qligh li b'hekk jistghu jiehdu." Is-socjeta in kwistjoni ghandha titqies bhala 'socjeta partikolari' ai termini tal-art. 1650 tal-Kodici Civili, illi jaghtiha s-segwenti definizzjoni: "Is-socjeta partikolari hija dik li jkollha b'oggett xi hwejjeg partikolari, jew l-uzu taghhom, jew il-

frottijiet li jistghu jittiehdu minnhom, jew xi impriza partikolari, jew l-ezercizzju ta' xi sengha jew professjoni."

Inoltre l-artikolu 1666(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li,

> Meta l-kuntratt tas-socjeta ma jkunx iffissa s-sehem ta' kull wiehed mis-socji fil-qligh jew fit-telf, dan is-sehem ghandu jkun fil-proporzjon ta' kemm kull wiehed minnhom ikun qieghed fil-fond tas-socjeta." [sottolinear mizjud]

Il-ftehim ta' shubija ffirmat minn Keith Catania u l-konvenuti fil-fatt jiffissa s-sehem ta' kull wiehed mis-socji fil-qliegh u fit-telf. Skont il-klawsola numru 6, il-profitti nett tas-socjeta "will be divided equally between the partners, in equal shares between them" filwaqt li skont il-klawsoli numru 2 u 7 jipprovdi fir-rigward tal-ispejjez illi l-partijiet "will be equally responsible between [sic] for any expenses due related with this partnership, in equal shares between them, effective immediately with the signing of this agreement." Ghalhekk huwa car illi l-attur ma jistax jippretendi illi jiehu 64% minn kwalunwke profitt nett li jista' jigi likwidat mill-perit gudizzjarju tekniku, ghaliex il-qsim tal-profitt tas-socjeta huwa espressament regolat mill-ftehim ta' shubija. Ghalhekk il-qasma tat-telf u tal-profitt ghandha necessarjament issir abbazi ta' kwoti ugwali fir-rigward tas-socji kollha.

Anke kieku l-kuntratt ma kienx jipprovdi ghal tali kwoti, mill-fatti jirrizulta li fil-verità Keith Catania ma harigx €10,500 ghas-socjeta. Din is-somma kienet giet garantita minn ommu u missieru, u l-garanzija moghtija mill-konjugi Catania kienet ghaz-zewg debituri, u cioè Keith Catania u Simona Fazioli, u mhux ghal Keith Catania biss. Barra minn hekk, ikkonsidrat illi l-konjugi Catania qeghdin jagixxu permezz ta' din l-istess azzjoni ghar-rifuzjoni tas-somma ta' €10,500 li giet minnhom garantita, zgur li ma jistax jinghad li Keith Catania hareg is-somma ta' €10,500 ghas-socjeta.

Ghaldaqstant, kwalunkwe telf jew qligh li jirrizulta mill-likwidazzjoni maghmula mill-perit gudizzjarju tekniku ghandu jigi diviz fi kwoti indaqs bejn is-socji. Minn dan isegwi illi Keith Catania huwa responsabbli ghal terz tad-djun dovut sal-31 ta' Ottubru, 2011 u ghal terz tal-profitt li s-socjeta jista' jirrizulta li wettqet sa' l-istess data.

Issir referenza ukoll ghall-Art. 1656(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi illi, "Kull socju hu debitur lejn is-socjeta ta' dak kollu li wieghed li ghandu jqieghed fiha."

Il-klawsola numru 8 tal-ftehim bejn l-attur Keith Catania u l-konvenuti tistipula illi, "Parties declare that between them they have put forward a capital of €16,500." Ta' min jirrileva illi mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod konklussiv jekk il-partijiet hargux dan l-ammont bejniethom fi kwoti ugwali jew le. Però, ikkunsidrat illi l-ftehim ta' shubija jipprovdi illi l-profitti u l-ispejjez ghandhom jinqasmu fi kwoti indaqs, is-sottoskritt ser jassumi illi din is-somma ta' €16,500 inharget mis-socji fi kwoti indaqs. Pero kif diga gie rilevat aktar 'il fuq, ma jirrizultax illi Keith Catania hareg sehmu minn dan l-ammont, u ghalhekk, ai termini tac-citat Art. 1656(1) huwa ghandu jaghti lis-socjeta s-somma ta' hamest'elef u hames mitt ewro (€5,500), fuq liema somma ilu jiddekorri l-imghax sa mid-data tal-ftehim, u cioè l-1 ta' Marzu, 2011, u dan ai termini tal-Art. 1657(1) tal-Kodici Civili. Dan l-ammont ghandu ghalhekk jitnaqqas minn kwalunkwe sehem ta' profitt li jista' talvolta jirrizulta li ghandu jedd ghalih Keith Catania.

Fir-rigward tad-dejn li kien dovut lil Bank of Valletta plc, jigi rilevat illi ma jidhirx li huwa kkontestat illi ghalkemm dan id-dejn ittiehed minn Keith Catania u Simona Fazioli f'isimhom proprju, id-dejn huwa tas-socjeta 'V-Gen Rock Club'. Fil-fatt il-konvenuti stess jghodduh bhala wiehed mid-djun tas-socjeta. L-artikolu 1678(1) tal-Kodici Civili jippreskrivi illi, "Il-patt illi l-obbligazzjoni saret akkont tas-socjeta, jobbliga biss lis-socju li kkuntratta u mhux lill-ohrajn, hlief jekk dawn ikunu tawh dik is-setgha, jew jekk il-haga tkun sfat ta' gid ghas-socjeta."

Ghalhekk, l-ammont li gie mhallas lil Bank of Valletta plc ghall-facilitajiet tal-overdraft u business loan ghandu jitqies bhala hlas maghmul akkont ta' obbligu tas-socjeta 'V-Gen Rock Club'. Minn dan isegwi illi Keith Catania huwa responsabbli ghal terz tal-kapital li kien dovut sal-31 ta' Ottubru, 2011 u l-imghax dekors minn dakinhar, sal-gurnata meta gie saldat id-dejn.

Fir-rigward tas-somma ta' €3,616 li kienet thallset minn Jean Pierre Debattista meta s-socji kellhom jirriunzjaw ghal kirja tal-fond tas-Saqqajja, issir referenza ghax-xhieda

ta' Simona Fazioli li tghid illi t-tliet socji kienu kkunsidraw dan il-hlas bhala 'part-payment" lejn l-investiment li kienu qed iwettqu. Din ix-xiehda ma gietx kontradetta minn provi ohra prodotti u ghalhekk ghandha tigi kkunsidrata bhala parti mis-somma li Jean Pierre Debattista kien wieghed li pogga 'l quddiem ai termini tal-klawsola 8 tal-kuntratt ta' shubija, u mhux bhala spiza li ghaliha hija responsabbli s-socjeta u dan ikkunsidrat illi skont il-klawsoli 2 u 7 tal-ftehim, l-ispejjez kellhom ikunu responsabbli ghalihom is-socji fi kwoti indaqs b'effett mill-iffirmar tal-ftehim ta' shubija, filwaqt illi dan il-hlas sar qabel.

Ghalhekk, Keith Catania huwa debitur tas-socjeta 'V-Gen Rock Club' fl-ammont ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500), bl-imghax fuq din is-somma dekoribbli mill-1 ta' Marzu, 2011;

Keith Catania huwa responsabbli ghal terz tal-kapital li kienu ghadu dovut lil Bank of Valletta plc ghal overdraft u l-business loan sal-31 ta' Ottubru, 2011, u l-imghax dekors fuq dak l-ammont mill-31 ta' Ottubru, 2011 sad-data tal-pagament effettiv;

Keith Catania huwa responsabbli ghal terz tad-djun kollha tas-socjeta 'V-Gen Rock Club' sal-31 ta' Ottubru, 2011 u kwalunkwe imghax dekors fuq tali ammont sad-data tal-pagament effettiv;

Keith Catania huwa intitolat ghal terz mill-profitt rimanenti tas-socjeta 'V-Gen Rock Club'.

Meta tqis pero r-relazzjoni teknika tal-komputista Silvio Busuttil jirrizulta illi s-shubija ma kellha ebda profitt fil-31 ta' Ottubru 2011 izda djun u ghalhekk ma hu dovut xejn lill-attur skont it-tieni talba tar-rikorrenti.

**It-tielet talba tar-rikorrenti**

Permezz tat-tielet talba taghhom, l-atturi qed jitolbu illi l-konvenuti jigu ordnati biex jilliberaw lill-atturi Rita u Emanuel konjugi Catania mill-garanzija minnhom moghtija lil Bank of Valletta plc fl-ammont ta' €10,500.

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imsemmi bank illikwida din il-garanzija u, ghalhekk, jidher illi l-mertu ta' din it-talba gie ezawrit.

**Ir-raba' talba tar-rikorrenti**

Permezz tar-raba' talba taghhom, l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenuti biex dawn ihallsu lill-atturi konjugi Catania s-somma ta' ghaxart'elef u hames mitt euro (€10,500).

Il-konvenuti jghidu illi l-garanzija moghtija mill-konjugi Catania qieghda hemm sabiex tiggarantixxi l-hlas tas-sehem dovut minn Keith Catania, liema hlas qatt ma sar minnu.

Hi l-fehma tal-Qorti illi d-drittijiet tal-konjugi Catania mhumiex ibbazati fuq id-disposizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet u l-obbligi tas-socji ta' socjeta civili, galadarba l-konjugi Catania ma kinux parti mis-socjeta V-Gen Rock Club, izda huma r-regolati mid-disposizzjoni li jirregola l-istitut tal-garanzija. L-artikolu 1942 tal-Kodici Civili jipprovdi proprju illi,

> Il-garanti li jkun hallas, ghandu jedd idur kontra d-debitur principali, sew jekk il-garanzija tkun inghatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun inghatat minghajr dan ma kien jaf" u t-tieni sub-inciz tieghu jghid li, "Dan il-jedd ta' regress ighodd sew ghall-kapital kemm ghall-imghaxijiet u l-ispejjez: Izda, ghal dawk li huma spejjez, il-garanti m'ghandux jedd ta' regress hlief ghal dawk l-ispejjez li jkun ghamel wara li b'att gudizzjarju, ikun gharraf lid-debitur principali bil-molestji li jkun bata." Relevanti wkoll huwa l-Art. 1945 tal-Kodici Civili illi jipprovdi li, "Il-garanti li jhallas id-dejn, jidhol ipso jure fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur; bla hsara ta' dak li jinghad fl-artikolu 1167 jekk mid-dejn tkun thallset bicca biss.

Illi ghalhekk huwa car illi indipendentemnt mill-fatt illi l-konjugi Catania ma kinux socji fis-socjeta 'V-Gen Rock Club', issa li l-garanzija moghtija minnhom giet likwidata u rtirata mill-bank, huma dahlu ipso jure fil-jeddijiet kollha li l-bank kellu kontra d-debituri principali, u ghandhom jedd ta' regress ghall-ammont li huma hallsu sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn tad-debituri.

Mid-dokumenti prodotti huwa car illi l-konjugi Catania dahlu bhala garanti fl-ammont ta' €10,500 ghad-dejn assunt minn Keith Catania u Simona Fazioli mal-Bank of Valletta plc, u ghalhekk din hija r-relazzjoni abbazi ta' liema ghandha tigi determinata din it-talba. Ir-relazzjoni ta' bejn Keith Catania u l-konvenuti hija distinta u separata mir-relazzjoni ta' bejn il-konjugi Catania, qua garanti, u Keith Catania u Simon

Fazioli, qua debituri principali tal-bank, u dan kif wara kollox jargumentaw il-konvenuti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Fir-rigward tar-responsabbilita ghall-hlas dovut lil-konjugi Catania, il-Qorti taghmel referenza ghall-ftehim konkluz mal-Bank of Valletta tal-24 ta' Mejju, 2011, minn liema jirrizulta illi d-dejn mal-bank ittiehed f'isem Keith Catania u Simona Fazioli personalment, u mhux f'isem is-socjeta 'V-Gen Rock Club'. Anke il-kuntratt ta' garanzija jindika illi l-iskop tieghu huwa sabiex jiggarantixxi id-dejn ta' "Mr. Keith Catania & Ms Simona Fazioli" u ma ssir l-ebda referenza ghal Jean Pierre Debattista.

Galadarba Jean Pierre Debattista mhuwiex wiehed mid-debituri tal-Bank of Valletta plc fir-rigward tal-facilitajiet li ghalihom il-konjugi Catania dahlu bhala garanti, bejn il-konjugi Catania u Jean Pierre Debattista m'hemmx ir-relazzjoni guridika necessarja sabiex il-pretensjoni ta' l-atturi tkun tista' tregi kontra l-indikat konvenut. Id-debituri tal-Bank of Valletta plc, skont id-dokumenti prodotti f'din il-kawza, huma Keith Catania u Simona Fazioli, u ghalhekk il-konjugi Catania ghandhom jedd ta' regress kontra taghhom biss, u mhux ukoll kontra Jean Pierre Debattista

Fir-rigward ta' Keith Catania u Simona Fazioli, issir referenza ghall-Art. 1946 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi,

> Meta jkun hemm zewg debituri principali jew izjed obbligati in solidum ghall-istess dejn, il-persuna li tkun dahlet garanti taghhom kollha, ghandha jedd iddur kontra kull wiehed minnhom biex tiehu lura s-somma kollha li tkun hallset."

Il-klawsola numru 10 tal-ftehim permezz ta' liema l-bank ikkonceda l-facilitajiet bankarji msemmija lil Keith Catania u Simona Fazioli tipprovdi illi dawn il-facilitajiet gew moghtija "on a joint and several basis."

B'referenza ghas-sottomissjoni ta' l-atturi illi s-somma restitwita ghandha tkun fl-ammont ta' €11,306.17 ghaliex kien dan l-ammont li gie zbankat, l-esponenti umilment jirrileva illi dan m'huwiex possibli peress illi fit-talba taghhom ir-rikorrenti espressament talbu l-kundanna ghal hlas tas-somma specifika ta' €10,500. Li kieku l-atturi talbu wkoll il-kundanna ta' xi ammont iehor verjuri, wiehed kien jasal jaqbel

mac-cifra €11,306.17 (f'dan is-sens are in re **Venere Falzon vs Marcello Stella**, PA 09/07/2015), izda dan ma sehhx u ghalhekk ghandu jkun naturali illi l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hlas ta' ammont akbar minn dak espressament mitlub.

Ghalhekk, ir-raba' talba ta' l-atturi hija fondata in parti, fis-sens illi ghalkemm Jean Pierre Debattista m'huwiex responsabbli ghall-ammont dovut lil konjugi Catania, il-konvenuta Simona Fazioli ghandhom tigi kkundannata thallas lill-konjugi Catania s-somma ta' ghaxart'elef u hames mitt ewro (€10,500), oltre l-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-istess Simona Fazioli u dan kif imfisser hawn fuq.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti; tilqa' l-ewwel talba u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat illi l-attur Keith Catania ma baqax sieheb fin-negozju bl-isem 'V-Gen Rock Club' flimkien mal-konvenuti b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2011; tichad it-tieni talba tal-attur Keith Catania billi ma hemmx attiv x'jigi mghoddi lilu ghax hemm aktar passiv; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi l-mertu taghha jinsab ezawrit peress illi l-garanzija moghtija mill-atturi konjugi Catania giet likwidata mill-bank fil-mori ta' dawn il-proceduri; tilqa' limitatament ir-raba' talba fis-sens illi l-konvenuta Simona Fazioli wahedha ghandha tigi kkundannata li thallas lill-atturi Rita u Emanuel konjugi Catania s-somma ta' ghaxart'elef u hames mitt ewro (€10,500), bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-istess Simona Fazioli.
L-ispejjez jinqasmu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur